MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 194/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta’ Ġunju, 2006 li permezz tiegħu A f’isimha u għan-nom ta’ bintha l-minuri X bħala kuratriċi *ad litem* esponiet bir-rispett:

1. Illi hija bdiet toħroġ ma’ B għal ħabta ta’

Diċembru 1990 u eventwalment wara ħames snin joħorġu flimkien kienu żżewġu fis-26 ta’ Mejju, 1996 kif juri l-anness ċertifikat immarkat Dok. A.

2. Illi l-koppja għamlu madwar disa' snin miżżewġin *stante* illi f'Novembru 2005 huma kienu legalment isseparaw.

3. Illi matul iż-żwieġ tagħhom twieldet tifla fit-12 ta' Novembru, 2003 u li semmewha X, liema minuri ġiet reġistrata bħala l-wild naturali ta' B kif muri fl-anness dokument immarkat Dok. B.

4. Illi minkejja li t-tifla ġiet reġistrata fuq B, X ma kinitx il-wild naturali ta' B.

5. Illi X hija l-wild minn relazzjoni oħra li A kellha matul iż-żwieġ.

6. Illi dan il-fatt ġie konfermat permezz tat-testijiet tad-DNA illi A u B għamlu u liema riżultat juri b'mod ċar illi B mhux il-missier tal-minuri X kif muri fl-anness dokument immarkat Dok. C.

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex tiddikjara illi;

1. B mhux il-missier naturali tal-minuri X.

2. Illi l-isem ta' B għandu jitneħħa miċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni tat-twelid tal-minuri X.

3. Isem il-missier fiċ-ċertifikat għandu jkun *unknown father*.

4. Il-kunjom ta' X jiġi rivertit għal A.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jeħtieġ illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fiżika bejn il-konjuġi l-intimat B u r-rikorrenti A.

3. Illi r-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid fit-talbiet tar-rikors ġuramentat li huwa 4592 tas-sena 2003.

4. Illi jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, jeħtieġ illi l-kliem "*the said*" għandhom jiġu kanċellati minn taħt id-dettalji ta' omm it-tarbija.

5. Illi fir-rigward tar-raba' talba dedotta fir-rikors, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid

6. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits ta' l-attriċi u dawk preżentati fil-kawża fl-ismijiet B vs. A li ai termini

tal-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2007 għandhom ukoll jikkostitwixxu prova f'din il-kawża.

Rat id-dokument a fol 5 tal-proċess u cioe' ir-riżultanzi ta' test xjentifiku (DNA) illi jindika li l-attur ma jistax ikun missier il-minuri msemmi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha fiż-żmien li kienet għadha miżżewġa mal-konvenut u minnu issa separata ma hijiex bintu. Il-konvenut baqa' kontumaċji f'din il-kawża iżda hu wkoll kien ippreżenta kawża li fiha talab din id-dikjarazzjoni. F'dan il-każ apparti dan hemm riżultanzi xjentifiċi illi jindikaw mingħajr dubbju li l-attur ma jistax ikun missier it-tarbija.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża *multa magis* minħabba t-test tad-DNA. F'dan il-każ ma hemmx l-ostakolu illi jeżisti fil-kawża li beda l-konvenut u cioe' li l-kawża kellha tiġi intavolata mill-attur fit-terminu preskritt mill-Artiklu 73(c) tal-Kapitlu 16 u cioe' fiż-żmien sitt xhur *minn dak in-nhar li jikxef il-qerq jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi.* In effetti din hija kawża *ai termini* tal-Artiklu 70 tal-

Kapitlu 16 u l-artiklu imsemmi jimponi t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li jibda jgħodd skond il-każ. Is-subartikoli (a) u (b) jgħidu li t-terminu ta' sitt xhur jibda jgħaddi mid-data tat-twelid tat-tarbija jekk l-attur ikun preżenti Malta u mid-data li jkun ġie lura Malta jekk ma jkunx.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi u għalhekk;**

**1. tiddikjara li l-minuri X li twieldet fit-12 ta' Novembru, 2003 m'hijiex il-wild naturali tal-konvenut B;**

***2.*** **tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex ineħħi l-konnotati tal-konvenut miċ-ċertifikat tat-twelid numru XXXX tas-sena 2003 u minflok jitniżżel li l-minuri hija bint *missier mhux magħruf.***

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------